# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 97/2015

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Dimech**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Christopher Dimech, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 243280M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar il-Hadd 31 ta' Awwissu, 2014 ghall-habta tas-19:10hrs waqt li kien fuq il-bahar f'inhawi tal-Port ta' Marsamxett saq opra tal-bahar b'registrazzjoni S9231 u saq din l-opra tal-bahar b'velocita' eccessiva ta iktar minn ghaxar mili nawtici gewwa l- kosta f'xi post 'il gewwa

minn 200 metru 'l boghod minn xi parti ohra ta' xtajta u dan bi ksur tar-Reg 25(c) u Reg 45 tat-Tielet Skeda, L.S. 499.52

2. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq, halla jew ippermetta li jinstaq kwalunkwe bastiment zghir li jahdem bil-mutur b'velocita' li, fic-cirkostanzi partikolari, x'aktarx ikun ta' periklu ghall-hajja jew jista' jikkaguna korriment jew iwassal ghal xi kollizjoni u dan bi ksur tar-Reg 26 u Reg 45 tat-Tielet Skeda, L.S. 499.52

F'kaz ta' htija il-Qorti kienet mitluba biex tirrevoka l-licenzja nawtika ghal dak iz-zmien li jidhrilha xieraq fil-konfront tal-persuna msemmija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-18 ta' Frar, 2015 li biha ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni w lliberatu minnha, izda, sabitu hati tal-ewwel (1) imputazzjoni u kkundannatu ghal multa ta' sitt mitt Euro (€600);

Rat ir-rikors tal-appell ta' Christopher Dimech, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Marzu, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata **billi tikkonfermaha** fejn ma nstabx hati tat-tieni imputazzjoni, izda **tirrevokaha u thassarha fejn** instab hati tal-ewwel imputazzjoni, u konsegwentement tilliberah minn din l-imputazzjoni u l-konsegwenti htija u piena, tghaddi sabiex tilliberah mill-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u dana soggett ghal kwalunkwe kundizzjoni li jidhrilha;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensur tal-appellant u tal-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. L-appellant iressaq zewg aggravji biex jimpunja s-sentenza appellata. Jibda biex jargumenta illi mhux minnu li kien qed isuq b'velocita li teccedi l-ghaxar mili nawtici fis-siegha u jipprosegwi imbaghad bl-argument illi l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova li kien ghaddej f'distanza ta' anqas minn 200 metru mix-xatt;
2. Illi din il-Qorti ghaddiet biex tezamina l-provi mill-gdid u ghal dan il-ghan semghet lill-appellant la darba d-deposizzjoni tieghu mhix registrata in atti u dan sabiex tiddeciedi jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha;
3. Ix-xhieda tal-prosekuzzjoni tressqet per via ta' tlett affidavits tal-ufficcjali tal-pulizija li kienu intercettaw lill-appellant. PC 16 xehed illi waqt ronda fil-Port ta' Marsamxett, magemb iz-zona ghall-ghawwiema li tinsab taht Tigne Point, hu u l-kollegi tieghu innutaw opra tal-bahar diehla gewwa l-port tinstaq b'velocita' eccessiva u beda jaqbez opri tal-bahar ukoll diehlin 'l gewwa. Ghalhekk ghaddew biex jintercettaw lill-appellant billi saqu warajh bil-*beacon lights* u s-serena mixghulin. Huwa baqa' jsuq direzzjoni lejn l-Msida fejn allura naqqas il-velocita' u kien mitkellem mill-Pulizija. L-istess fatti kienu konfermati minn PC 1379 u PC 645. L-appellant xehed illi kien diehel

lejn Tas-Sliema u twaqqaf mill-Pulizija ghaliex, skond huma, kien ghaddej bi speed eccessiv izda hu kien qed isuq bil-hmistax-il kilometru fis-siegha. L-ispeed *indicator* tieghu jaqra bil-kilometri u mhux bil-mili nawtici fis-siegha, ritratt tieghu jinsab in atti;

4. L-ewwel argument tal-appellant in rigward ix-xhieda tal-prosekuzzjoni hu li minkejja li l-Pulizija setghu facilment jghidu x'kienet il-velocita' tal-appellant, u dan billi jirreferu ghall-*ispeed indicator* taghhom la darba kienu qed isegwuh, huma ghazlu, minflok li jistaqsu lilu l-ispeed li kien ghaddej bih. Meta huwa wiegeb li kien ghaddej bil-hmistax-il kilometru fis-siegha huwa kien qed jirreferi ghal-ispeed kif indikat fil-*gauge* tieghu. Issa meta wiehed jikkonverti dan l-ispeed ghall-mili nawtici jirrizulta 8.099 li huwa taht l-ghaxar mili nawtici fis-siegha;

5. Ir-regolament 25 tal-Ligi Sussidjara 499.52 (Avviz Legali 183/2008 kif emendat) jipprojbixxi sewqan b'velocita' in eccess ta' ghaxar mili nawtici gewwa xi port, f'xi post 'il gewwa minn 300 metru 'l boghod mix-xtajta ta' xi bajja bir-ramel jew f'xi post 'il gewwa minn 200 metru 'l boghod minn xi parti ohra tax-xtajta. Hija l-ahhar ipotezi li tikkoncerna l-kwistjoni odjerna. Issa, l-argument tal-appellant huwa wiehed validu u b'zieda ma' dan, din il-Qorti tirrimarka illi li l-Pulizija tistaqsi hi lill-persuna intercettata b'liema velocita' kienet ghaddejja hija prassi tal-passat u t-twegiba ser tkun minnufih skartata anke ghaliex sabiex f'dak il-mument, l-appellant kien ghaddej bil-hmistax-il mil nawtiku fis-siegha ifisser illi fuq l-*indicator* tieghu kien qed jaqra 27.78 kiometru fis-siegha. Hija ferm stramba kif minn tlett ufficcjali tal-Pulizija, hadd ma osserva l-*ispeed indicator* tad-dghajsa taghhom stess waqt l-insegwiment sabiex almenu wiehed minnhom jixhed x'kienet il-velocita' waqt l-insegwiment;

6. Dawn it-tip ta' kawzi jippresentaw certu diffikolta' b'mod partikolari meta si tratta ta' allegazzjoni ta' sewqan in eccess tal-velocita'

permessa meta min qed jaghmel l-osservazzjoni ikun f'posizzjoni stazzjonarja aktar u aktar in mankanza ta' apparat appozitu biex jirregistra dik il-velocita'. F'dan il-kaz, izda, kien hemm insegwiment u il-minimu li seta jsir minn naha tal-prosekuzzjoni kien li tkun notata il-velocita' taghhom stess sakemm lahqu mal-appellant;

7. L-appellant ghalhekk ghandu ragun fl-ewwel aggravju tieghu u ghalhekk ma hemmx htieg li jkun konsiderat it-tieni aggravju;

8. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun milqugh u konsegwentement is-sentenza appellata qed tkun riformata billi tkun konfermata f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ma sabitx htija fl-appellant fir-rigward tat-tieni imputazzjoni u minnha lliberatu u revokata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ghall-multa ta' €600, issibu mhux hati ta' din l-imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.